**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 25 ta' April, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Francis Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Francis Cassar ta' 49 sena, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0515465M.

Akkuzat talli fi' Frar 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat illum Imhallef Dott. Giovanni Grixti LL.D., f'dan li ma javvicinax xhieda tal-prosekuzzjoni, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Francis Cassar u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta'

€2,000 bħala depositu u € 2,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta. kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Minn dak li setghet tifhem il-Qorti mill-provi prodotti, ghax ma gietx ezebita kopja tac-citazzjoni, l-imputat bhalissa jinsab ghaddej proceduri kriminali akkuzat fost affarijiet ohra ta' self b'mod illegali.

L-imputazzjoni kontra l-imputat hi li hu kiser il-kundizzjonjiet tad-digriet mill-arrest li inghata f'dawn il-proceduri kriminali ghaliex avvicina xhieda tal-Prosekuzzjoni, u mill-provi irrizulta li dawn huma Carmen Farrugia u lil Fransina Attard. Il-Qorti se tqis il-kaz ta' kull xhud separatament.

Carmen Farrugia hija l-ex partner tal-imputat u kellhom relazzjoni ta xi sentejn li spiccat circa Awwissu/Settembru 2015. Hija kienet diga f'relazzjoni mal-imputat meta gie arrestat f'Lulju 2014 dwar l-imputazzjonijiet li ghandu pendenti illum il-Qorti. Fil-fatt irrizulta li hi kienet fil-vettura mieghu meta sar l-arrest u giet ukoll interrogata mill-Pulizija, pero ma ttiehdux passi kriminali kontra taghha. Nonostante l-fatt li l-prosekuzzjoni kienet taf li Carmen Farrugia kienet il-partner tal-imputat, meta l-imputat tressaq il-Qorti fit-23 ta' Lulju 2014, il-Prosekuzzjoni ma talbitx specifikatament li fid-digriet ghal helsien mill-arrest, l-imputat jigi vjetat milli jkellimha jew javvicinaha ghax kien bi hsiebha ttellaghha bhala xhud tal-Prosekuzzjoni.

Konsegwentement, fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti l-imputat ma kienx u mhux vjetat li jkellem lil Carmen Farrugia, u dan lanqas wara li spiccat ir-relazzjoni amoruza taghhom, u dan stante li ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jahseb li l-Prosekuzzjoni kienet se ttellaghha bhala xhud taghha. In oltre, Carmen Farrugia xehdet f'dawn il-proceduri, li kemm waqt ir-

relazzjoni taghhom kif ukoll wara li din intemmet, l-imputat qatt ma kellimha fuq il-proceduri kriminali li kellhom kontrih, jew b'xi mod prova jinfluwenzaha kif tixhed f'dawk il-proceduri.

Huwa vera li jirrizulta li wara li Carmen Farrugia temmet ir-relazzjoni amoruza mal-intimat inqalghu diversi incidenti bejniethom, pero ghal fini ta' dawn il-proceduri dawn l-incidenti – ghalkemm jistghu jikkostitwixxu reat iehor - huma irrelevanti, ghax mill-provi jirrizulta li dawn l-incidenti huma direttament relatati mar-relazzjoni amoruza ta' bejn Farrugia u l-imputat u ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-proceduri kriminali pendenti kontra l-imputat.

Ghalhekk, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-arrest meta huwa sa mill-bidu nett tal-proceduri kriminali kellem u llum javvicina – anke jekk kontra l-volonta taghha – lil Carmen Farrugia.

Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tax-xhud Fransina Attard. Fransina Attard hija l-mara tal-Kuntistabbbli Joseph Attard, li kien jissellef flus minghand l-imputat, u Joseph Attard mhux dejjem kien ihallsu fil-pront, tant li l-imputat gieli mar id-dar fejn hi kienet tghix ma zewgha – ghax illum separati – u meta ma jsibux lir-ragel taghha hemm jibda jghajjat maghha. Konsegwentement Fransina Attard kienet u ghada tibza' mill-imputat.

Issa fis-16 ta' Frar 2016, l-imputat u Fransina Attard flimkien ma xi persuni ohra issejjhu biex jixhdu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ta' Malta, u dan fil-proceduri li l-Public Service Commission qieghda tiehu fil-konfront ta' Joseph Attard, ir-ragel ta' Fransina Attard. Waqt li qed jistennew biex jissejhu biex jixhdu fil-kurutur, Fransina Attard xehdet li l-imputat avvicinaha u qalilha l-kliem "Jiena nibqa' nibqa sakemm niehu flusi lura" u qalilha wkoll li biex ihenn ghalih, darba minnhom Joseph Attard kien qallu biex isellfu l-flus ghax hi u t-tifla kienu morda b'tumur. (Ara xhieda f'dawn il-proceduri, kif ukoll ir-rapport ta' Fransina Attard tat-18 ta' Frar 2016 ezebit bhala Dok JF6.) Ix-xhieda ta' Fransina Attard ma giet kontradetta minn hadd, anzi se mai hija korroborata bix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Micallef li xehed li meta Fransina Attard dahlet biex tixhed quddiem il-Public Service hija kienet eccitata u rrabjata ghar-ragel taghha. Il-Qorti, anke wara li qieset il-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Fransina Attard.

Mill-provi kollha akkwiziti, il-Qorti ma ghandhix dubbju li l-imputat kien jaf li l-Prosekuzzjoni kienet ser ittella lil Fransina Attard bhala xhud, u dan nonostante deliberatament ghazel li javvicinaha u jkellimha.

L-abbli avukat difensur issottomettiet li bil-kliem "tkellem u tavvicina .... xhieda tal-Prosekuzzjoni" fid-digriet ghall-helsien mill-arrest m'ghandhiex tigi interpretata litteralment, u cioe li l-imputat lanqas jista' jkellem lil dawn ix-xhieda b'mod socjali, imma tirreferi meta l-imputat jipprova jinfluwenza il-mod ta' kif dawn ix-xhieda jixhdu fil-Qorti. Din il-Qorti m'ghandha ebda ezitazzjoni li tghid li ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni – il-kliem tad-digriet huwa car u ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.

Fi kwalunkwe kaz, Fransina Attard ma kinitx xhud kwalunkwe - izda xhud li diga kellha esperjenza tar-rabja tal-imputat meta ma jithallasx u ammettiet li kienet tibza minnu. Il-kliem li qalilha l-imputat li hu ried jithallas akkost ta' kollox, jista' wkoll jitqies bhala theddida sottili. U l-fatt li l-imputat qalilha li r-ragel taghha kien qallu li hi u t-tifla kellhom tumur biex inducieh iselfu l-flus, jindika li ried jinkwetaha u jkompli jgellidha mar-ragel taghha, li wkoll huwa involut fil-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib lill-imputat hati li kiser it-tielet (3) kundizzjoni tad-digriet tal-helsien mill-arrest u cioe dik li ma jkellimx u ma javvicinax ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat m'hi xejn felici. L-imputat ghandu sitta u ghoxrin kundanna (26) kundanna minn dawn il-Qrati, il-maggoranza taghhom konnessi ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan, pero instab hati wkoll tar-reati ta' tixwix u thedid, hsara volontarja, sekwestru ta' persuna, frodi, falsifikazzjoni ta' skrittura privata u li iddenunzja lil Pulizija reat li kien jaf li ma sarx.
In oltre, fis-sottomissjoni orali tieghu, l-Ufficjal Prosekutur qal li din hi t-tieni darba li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tad-digriet ghal-liberta provvizorja in kwistjoni – l-ewwel darba kien kaz ta' ksur tal-obbligu tar-rinkazar. Din is-sottomissjoni ma gietx kontradetta mid-difiza.

L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati. Fil-fatt mill-fedina penali jirrizulta li huwa inghata diversi kundanni ta' liberta kondizzjonata u zewg sentenzi sospizi. Minkejja dan huwa baqa' jirrifjuta li juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet.

Il-ksur tal-obbligu li ma javvicinax xhieda tal-Prosekuzzjoni huwa wiehed mill-iktar serji fid-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, ghax jista' jintralca r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tikkundannah ghal perjodu ta' xahar prigunerija.

In oltre, il-Qorti qieghda tirrevoka l-helsien mill-arrest ta Francis Cassar moghti bid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, fit-23 ta' Lulju 2014, u tordna l-arrest mill-gdid ta' Francis Cassar, u tordna ukoll li s-somma ta' €2,000 bhala depozitu u €2,000 bhala garanzija personali imsemmija fl-istess digriet jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**